# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Illum l-Erbgha 14 ta' Dicembru, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Anthony Cassar)**

**vs.**

**Joseph John Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph John Grech ta' 43 sena, iben Joseph u Maria Dolores nee' Pace, imwieled l-Isla fil-21 ta' Mejju, 1961 u joqghod fl-indirizz 'Settler's Lodge', Flat 3, Triq ir-Roza, Marsaskala, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 435861M;

Akkuzat talli:

Fi Pjazza Mifsud Bonnici, u f'inhawi ohra f'Marsaskala nhar il-Gimgha 17 ta' Settembru, 2004, ghall-habta ta' xi s-siegha ta' filghodu:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Zouhair Ahmad Al Ghazal ta' nazzjonalita' Lebaniza f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu

skond ma ccertifika Dr. R. Callus MD., mid-Dipartiment ta' l-Emergenza ta' l-Isptar San Luqa, liema offiza gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' l-imsemmija persuna, u dan ai termini tal-Artikolu 218(1)(b) tal-Kapitlu IX tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Hedded lill-istess Zouhair Ahmad Al Ghazal bil-mewt u aktar heddu wkoll bil-lembuba tas-servizz;
3. Uza xi sistema jew apparat t'a telekomunikazzjonijiet provduti minn proveditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli tosserva dawk l-istruzzjonijet li nhargu minn proveditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir, jew ghamel uzu minnu mhux sewwa;
4. Bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;
5. Ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid u dan anke jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
6. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ikkommetta reat li kellu d-dmir li jissorvelja sabiex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsir.

Il-Qorti tista' meta jidhrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnfisu, taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Artikoli tal-Avukat Generali 29 ta' Novembru, 2006, fejn dehrlu li l-imputat jista jinstab hati tas-segwenti reati kontemplati fis-segwenti artikoli, u cioe':

(a) Fl-artikoli 218(1)(b), 249(2), 338(dd), 339(1)(e), 141 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-imputat iddikjara li ma' kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu tinstema' bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghall-proceduri odjerni huma fis-succint is-segwenti:

1. Fiz-zmien tal-incident in kwistjoni, l-imputat kien surgent tal-Pulizija;
2. Fis-sena 2003, certa Lucienne Busuttil, hairdresser, kienet cemplet lill-Pulizija ghaliex l-ex partner taghha Zouhair Ahmad Al Ghazal (iktar l-isfel imsejjah "Al Ghazal"), ta' nazzjonalita Lebaniza, kien mar fis-sakra fis-salon tax-xaghar taghha, gewwa Rahal Gdid, u ta daqqa ta' ponn go wicca.
3. Il-Pulizija, fosthom l-imputat, kienu marru fis-salon u hadu d-dettalji tal-incident u qalulha tmur iggib certifikat mediku minghand tabib tal-Polyclinic. Hi hekk ghamlet u marret l-ghassa bic-certifikat fejn tatu lill-imputat.
4. Lucienne Busuttil infurmat ukoll lill-imputat li Al Ghazal kien mizzewweg lil wahda Maltija ghal konvenjenza, peress li l-applikazzjoni tieghu ghal refugjat giet michuda.
5. L-imputat ikkuntatja lil Al Ghazal biex jiehu l-verzjoni tal-fatti tieghu u ipproceda kriminalment kontrih ghall-incident li sehh fis-salon ta' Lucienne Busuttil, u rrapporta lid-Department of Citizenship & Expatriate Affairs biz-zwieg ta' konvenjenza ta' Zouhair.
6. Peress li Al Ghazal ma setghax jigi notifikat bil-proceduri kriminali li gew istitwiti kontrih, u Lucienne Busuttil infurmatu li kien siefer, l-imputat iccirkola messagg li Al Ghazal kien "wanted person."
7. Skond l-imputat, Al Ghazal urta ruhu peress li l-imputat kien mexxa proceduri kontrih, u kiteb lill-Ministru u lill-Kummissarju jallega li l-imputat kellu relazzjoni ma' Lucienne Busuttil, u Al Ghazal ghamel ukoll kwerela fejn allega li l-imputat kien qed jabbuza mill-poter tieghu, u li kien qed jheddu billi jibghatlu *text messages* fuq il-mobile tieghu. Sussegwentement Al Ghazal irtira din il-kwerela. L-imputat jghid ukoll li xi darba kien iltaqa' ma' Al Ghazal Paceville, u dan allega li l-imputat kellu relazzjoni mal-ex tfajla tieghu, u haliflu li se jpattielu.

8. Fis-16 ta' Settembru 2004, Al Ghazal kellem lill-mara tal-imputat, waqt li kienet tippassigga ma habiba taghha Marsascala, u qalilha li l-imputat kellu relazzjoni mat-tfajla tieghu, Lucienne Busuttil, u beda jaghmel hafna theddid, fosthom li se jkisser il-hajja tal-imputat.
9. Il-mara tal-imputat bdeit tibki u qaltlu x'gara, u qaltlu li bil-panic kienet marret il-Hamrun. L-imputat qalilha biex jinzlu l-Ghassa ta' Haz-Zabbar biex jaghmlu rapport.
10. L-imputat jghid li ghal din ir-raguni hu nizel Marsascala.
11. L-imputat jghid li meta nizel Marsascala iltaqa' ma' Al Ghazal li kien qed jiekol fejn il-bandli u jkompli hekk *"ghidtlu "jien m'inhix sejjer ma' mara wara Gharbi ghax jien m'hinix zibel. Lili u l-familja tieghi hallina kwieti.". Gholla l-mejda ghal fuqi, pruvajt nilqaghha u gejna fl-idejn. Ma nafx kemm domna naghtu, hu jtini u jien niddefendi ruhi."*[1]
12. Min-naha l-ohra Al Ghazal jghid li hu kien qed jiekol wahdu fir-restaurant, u gie l-imputat minn warajh u beda jtieh b'idejh u jkompli jghid hekk: *"Imbaghad beda jsawwatni u qed niddefendi lili nnfisi jiena u bdejt nimbuttah u qabad u jdawwarni u mar fil-karozza, gab lembuba tal-pulizija, u beda jghid lin-nies, jien pulizija, hadd ma jersaq u ried jaghtini bil-lembuba u imbaghad jien ma tajtux bis-siggu u imbaghad taghni daqq hekk u dawwarni u qatghali widnejja barra. Gidimli widnejja barra."*[2]
13. Konsegwenza ta' dan l-incident, Al Ghazal sofra ferita f'widnejh ix-xellugija, billi parti sostanzjali minnha giet maqtugha barra – Al Ghazal jallega li gidimilu l-imputat. Din il-ferita giet ikklassifikata bhala wahda gravi.[3] L-imputat jichad li hu gidem il-widna ta' Al Ghazal.
14. Min-naha l-ohra, l-imputat sofra diversi griehi kkonsistenti f'diversi grief u brix fuq wiccu, ghafsa fuq spalltu tal-lemin, u zewg daqqiet f'saqajh. Dawn il-feriti gew klassifikati ta' natura hafifa.[4]
15. Il-Pulizija istitwiet il-proceduri odjerni kontra l-imputat u istitwiet proceduri ohra kontra Al Ghazal.

---

[1] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 39 tal-process.
[2] Ara xhieda Al Ghazal a fol 90 – 91 tal-process.
[3] Ara certifikat mediku ezebit wara fol. 13 tal-process u mmarkat Dok RC.
[4] Ara certifikat mediku ezebit bhala Dok JG2 a fol. 365 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Konsiderazzjoni ta' Natura Preliminari*

Fl-ewwel lok, din il-Qorti se taghmel xi osservazzjonijiet preliminari dwar

1. L-ammissibilita tal-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat f'dawn il-proceduri;
2. Ir-rinunzja ta' Al Ghazal ghal dak kollu li hu rinunzjabbli f'dawn il-proceduri.

*L-Ammissibilita tal-Istqarrijiet tal-Imputat*

Meta tela' jixhed quddiem din il-Qorti, l-imputat debitament assistit mill-avukat difensur tieghu, ikkonferma bil-gurament tieghu t-tlett stqarrijiet li hu kien irrilaxxa mal-Pulizija immedjatament wara l-incident. Ghalhekk, minkejja l-fatt li fiz-zmien li gew rilaxxati dawn l-istqarrijiet, il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, din il-Qorti mhux se tiskarta dawn l-istqarrijiet, stante li l-imputat, wara li ikkonsulta ma' avukat u wara li dawn il-proceduri kienu ilhom ghaddejin erba' (4) snin u nofs, ghazel li jikkonfermahom bil-gurament tieghu,[5] u ghalhekk din il-Qorti se tohodhom in konsiderazzjoni fid-deliberazzjonijiet taghha.

*Ir-Rinunzja ta' Al Ghazal ghal dak kollu li hu rinunzjabbli f'dawn il-proceduri*

Fil-proceduri kriminali in konnessjoni ma' dan l-incident li ittiehdu kontra Al Ghazal sar is-segwenti verbal fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2008 minn Dottor Joseph Giglio, l-avukat difensur tal-imputat odjern, u Dottor Chris Cardona, l-avukat difensur ta' Al Ghazal:

*"L-Avukati Giglio u Cardona ghall-assistiti taghhom jirrinunzjaw ghal dawk l-azzjonijiet kriminali li huma rinunzjabbli kemm b'riferenza ghal dawn il-proceduri kif ukoll ghal dawk fil-kaz il-Pulizija v. Joseph John Grech quddiem il-Magistrat Dr. Lawrence Quintano differita ghall-24 ta' Settembru 2008.*

[5] Ara xhieda tal-imputat a fol. 312 tal-process.

*Dr Chris Cardona ghall-imputat jinforma l-Qorti illi l-imputat qed jiddikjara illi wara li ha konjizzjoni ulterjuri tad-dinamika ta' l-incident mertu tal-provi bejnu u Joseph John Grech illum jemmen illi l-percezzjoni tieghu ta' kif sehh dan l-incident ma tikkombaccax kompletament mal-mod kif xehed dwar dawn il-fatti quddiem il-Magistrat Dr Lawrence Quintano.*

*L-imputat qed jaqbel ma' dawn iz-zewg dikjarazzjonijiet."*[6]

Minkejja din ir-rinunzja tal-*parte civile* ghal dawn il-proceduri, hlief ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, ir-reati kontemplati fl-Artikolu 218(1)(b), 249(2), 338(dd), u 141 tal-Kodici Kriminali elenkati fin-nota tar-rinviju ghal-gudizzju tal-Avukat Generali huma kollha prosegwibbli *ex officio,* u konsegwentement din il-Qorti xorta trid tikkonsidrahom fid-dawl tal-fatti ppruvati u tiddecidihom.

Il-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 339(e) tehtieg il-kwerela tal-parti leza, u la darba il-*parte civile* irrinunzja ghaliha, il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

*<u>Konsiderazzjonijiet dwar Htija</u>*

*L-Imputazzjoni tar-Reat taht l-Artikolu 218(1)(b)* tal-Kodici Kriminali

L-imputat ma jichadx li hu u Al Ghazal gew fl-idejn, izda jichad li hu gidem il-widna ta' Al Ghazal u qataghielu. Pero mhux kontestat li din il-ferita fil-widna saret f'xi hin waqt il-glieda li l-imputat kellu ma' Al Ghazal.

PS 1503 Andy Ellul xehed illi rinfaccat b'din l-allegazzjoni ta' Al Ghazal, hu kien staqsa lit-tabiba tal-Isptar, Dr. Callus li kienet duty hemm hekk u lis-senior taghha Dr. Borg Xuereb jekk jistghux jiccertifikaw jekk id-daqqa fuq il-widna sartix bi blunt object jew inkella b'gidma ta' bniedem, pero t-tobba ma setghux jiccertifikaw dan.[7] Dan jinsab ukoll rifless fir-rapport li PS 1503 Andy Ellul ghamel fuq l-incident.[8]

---

[6] Ara fol. JG1 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' PS 1503 a fol. 68 tal-process.
[8] Ara fol. 37 tal-process.

F'dawn il-proceduri, id-difiza talbet li jigi nominat espert sabiex jiddetermina jekk hux possibbli li parti ta' fuq ta' widna tinqata' waqt *scuffle*, u din il-Qorti kienet appuntat lil Dottor Mario Scerri bhala espert ghal dan l-iskop.[9] Fir-rapport tieghu,[10] l-espert mediku jghid li ghalkemm kien iffissa diversi appuntamenti sabiex jezamina lil *parte civile* dan qatt ma mar fid-dati li fihom gie mitlub biex jattendi. Ghalhekk din il-Qorti diversament preseduta, kienet nkarigatu sabiex jezamina zewg ritratti ezebiti mill-*parte civile* f'dawn il-proceduri u jiddetermina ma' xiex dawn il-lezjonijiet huma kompatibbli. Wara li ezamina il-lezjonijiet subiti mill-*parte civile* mir-ritratti, l-espert Dottor Mario Scerri ikkonkluda hekk:

*"1. Illi dawn iz-zewg ritratti deskritti juru illi fil-widna kien hemm lezjoni illi kienet suturata u li kienet convex 'il gewwa;*
*2.Illi dawn ir-ritratti ittiehdu ftit wara illi giet subita l-lezjoni ghar-raguni li s-suturi kienu ghadhom in situ u l-ezjoni kellha qoxra xotta illi ma kinietx distakkata;*
*3. Illi t-tarf ta' fuq ta' din il-lezjoni kienet orizzontali;*
*4.Illi ma kienx hemm lezjonijiet fl-istess livell fuq il-mastoid process tax-xellug jew fuq l-ghonq jew fuq il-mandible;*
*5. Illi fl-assenza ta' dawn il-lezjonijiet deskritti din il-lezjoni fuq il-widna ma setghetx kienet rizultat ta' blunt trauma applikata fuq l-aspett laterali tal-widna 'l gewwa permezz ta' strument li jaqta' jew strument blunt.*
*6. Illi din il-lezjoni fuq il-widna kellha l-pattern tipiku ta' convex 'il gewwa u ghalhekk huwa iktar possibbli u probabbli illi din il-lezjoni kienet rizultat ta' gidma;*
*7.Illi din il-lezjoni tibqa' wahda permanenti u vizibbli u sfiguranti fil-widna."*

Fil-kontro ezami tieghu, Dottor Mario Scerri jammetti li hemm *"daqxejn ta' handicap"* meta wiehed jahdem fuq ritratti u ma jezaminax il-pazjent. Pero meta gie mistoqsi jekk setghax jeskludi li l-ferita sareti b'xi haga li m'hix gidma, Dottor Mario Scerri wiegeb hekk: *"Li nista' nghid li setghet saret b'xi haga li ghafsitlu l-widna, jekk mhix biting act hija xi haga li ghafsitlu l-widna ... ... Imma li qabditlu l-widna minn quddiem u minn wara ghaliex kieku kienet sharp thing u ha daqqa laterali fuq il-widna, bhalma ghandu lezjoni fuq il-widna jkollu lezjoni fuq il-mastoid process li m'ghandhiex f'dan il-kaz u hawn hekk ghandu ritratt tajjeb*

[9] Ara fol. 300 tal-process.
[10] A fol. 340 tal-process.

*mill-aspett posterjuri tal-widna. Xi haga li kellha gripping action fuq il-widna, hekk sar il-mekkanizmu."*[11]

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat jissottometti li, la darba ma ezaminax lill-parte civile personalment, il-konkluzjoni ta' Dottor Mario Scerri li l-lezjoni giet kagunata minn gidma tista' tasal biss sal-grad tal-probabbli, grad li mhux sufficjenti ghal min irid jiddeciedi fil-kamp penali. Huwa jissottometti wkoll li *parte civile* ma hux xhud kredibbli stante li, apparte li l-verzjoni tieghu ta' kif aggredieh l-imputat, waqt il-kontro-ezami din il-Qorti, diversament preseduta, wissietu kemm il-darba bil-konsegwenzi tal-ispergur, u fl-ahhar tal-kontro-ezami tieghu, din il-Qorti qaltlu *"Il-Qorti m'hiex temmnek".*[12]

Ghalkemm anki din il-Qorti, kif preseduta, ghandha r-rizervi taghha fuq il-veracita ta' diversi fatti li xehed fuqhom il-*parte civile*, jibqa' fatt mhux kontestat li l-ferita fil-widna tieghu sehhet waqt il-glieda li kellu mal-parte civile. Allura irid jigi determinat jekk, jekk fid-dawl tal-provi kollha migbura, il-Prosekuzzjoni irnexxiliex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li l-ferita giet kagunata minn gidma tal-imputat.

Fis-sottomissjonijiet orali, l-abbli difensur tal-imputat jghid li hadd mill-persuni li kienu fuq il-post, inkluz il-Pulizija, ma qalu li l-imputat ralu xi demm ma halqu jew go halqu jew go wiccu.[13] Fil-fatt ix-xhud Chris Agius li ra lill-imputat wara l-glieda, xehed li ma rax demm fuq il-hwejjeg tal-imputat, u lanqas ra dmija madwar halqu.[14] Anke PC 654 Elton Bondin xehed li fl-ebda hin ma ra demm jew mal-qmis jew ma' halq l-imputat.[15]

Pero, din ix-xhieda hija kontradetta mill-imputat innifisu fl-istqarrijiet tieghu lill-Pulizija, liema stqarrijiet gew konfermati bil-gurament quddiem din il-Qorti. Hu stqarr hekk:

1. *"Nghid ukoll li ghandi wkoll hwejgi (minn tal-bierah) imqattghin u mimlija demm."*[16]
2. *"Jien niched kategorikament li qatt gdimtlu widnjeh jew x'imkien lil dan il-bniedem, anzi huwa gidimni fuq rasi. Il-feriti jien ma rajthomx. Bid-damdim li kelli f'mohhi ma*

[11] Ara xhieda ta' Dottor Mario Scerri a fol. 336 – 339 tal-process.
[12] Ara fol 258 tal-process.
[13] Ara it-trattazzjoni tad-difiza a fol 378 tal-process.
[14] Ara xhieda ta' Chris Agius a fol. 119 *et seq.* tal-process.
[15] Ara xhieda ta' PC 654 Malcolm Bondin a fol. 153 tal-process.
[16] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 40 tal-process.

*qaghadx noqghod inhares lejh. Dak il-hin feriti ma' wicci u demm niezel minn rasi kelli jien."*[17]

Pero mic-certifikat mediku rilaxxat dak in-nhar stess tal-incident jirrizulta, li ghal dak li jirrigwarda l-griehi fuq wicc l-imputat, huwa kellu grif fuq diversi partijiet ta' wiccu, gundalla fuq mohhu u *"girfa zghira fuq il-qurriegha ta' rasu"*.[18] Imkien fic-certifikat mediku ma hemm imsemmi li l-imputat kellu xi gidma fuq rasu. Inoltre, l-feriti li sofra gew klassifikati bhala hfief.

Ghalhekk, din il-Qorti ghandha l-konvinciment morali li wara l-glieda mal-*parte civile* wicc l-imputat u hwejjgu kienu kollha mimlija demm, kif ammetta hu stess. Din il-kwantita ta' demm li kellu fuqu l-imputat m'hix kompatibbli mal-feriti li sofra, li ghalkemm seta' hareg xi demm minn xi grif li kellu, - konsiderando li l-feriti kienu ta' natura hafifa - dan id-demm li seta' hareg mill-feriti tal-imputat, certament ma kienx bizzejjed biex jimla wicc l-imputat u hwejjgu kollha bid-demm.

Din il-Qorti hija moralment konvinta illi d-demm li kellu fuqu l-imputat kien ukoll dak li hareg mill-widna tal-*parte civile* wara li sofra l-ferita u l-imputat u l-parte civile kienu ghadhom maqbudin go xulxin jiggieldu.

Kif jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat il-lotta bejntiehom kienet wahda kbira. Hu jghid hekk: *"Gholla l-mejda ghal fuqi, pruvajt nilqaghha u gejna fl-idejn. Ma nafx kemm domna naghtu, hu jtini u jien niddefendi ruhi. Bhala rizultat ghandi wicci kollu migruf, Ghandi damdim kbir go rasi, u xuftejja maqsuma, apparti ugigh ieghor go nghasi, ghonqi, dahri u saqajja – spiccajna naghtu kullimkien, fuq banketti, fuq bank, fuq l-imwejjed u fl-art zgur. Kif irnexxieli ninqata' minn mieghu cempilt 199 minn fuq il-mobile li kelli ... ... Irrispondietni mara ma nafx min hi u ghidtilha "jien is-surgent Jovann, qed nigi aggredit minn wiehed Gharbi f'Wied il-Ghajn". ... ... Ergghajt mort lejh u ghidtlu biex ma jitlaqx ghax nezlin il-pulizija u rega aggredieni ghat-tieni darba, fost kliem bhal "noqtlok" u "inti minghandi ma hlistiex". .... ... Gejna aktar fl-idejn, naf li gew xi nies izommuna. Imbaghad waqafna. Xi hin wara, ma nafx kemm ezatt, gie is-surgent Andy u pulizija iehor ... ..."*[19]

[17] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 43 tal-process.
[18] Ara certifikat mediku ezebit bhala Dok. JG2 a fol. 365 tal-process.
[19] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 39 tal-process.

Fi stqarrija ohra, l-imputat jghid: *"Jien mort fi-karozza sabiex ingib il-mobile biex naghmel rapport bih lill-Pulizija. Ezatt kif cempilt id-depot, jiena ghidtlu ticcaqlax minn hawn ghaliex int qieghed taht arrest. Imbaghad huwa rega' aggredieni ghat-tieni darba. Kien f'dan it-tieni perjodu li domna naghtu l-aktar u tqallibna, fuq siggijiet u mwejjed. Darba minnhom gie fuqi u anke prova jifgani. Jien dak il-hin bdejt nibza' ghal hajti. Naf li gew xi nies jaqghiluh minn fuqi u ma rnexxielhomx u aktar bdejt nibza' ghaliex bdejt inhossni se nifga."*[20]

Il-Qorti se tiskarta x-xhieda tal-*parte civile* fuq id-dinamika tal-incident, stante li dan inqabad jikkontradici ruhu diversi drabi waqt il-kontro-ezami.

Il-Qorti se tiskarta wkoll ix-xhieda ta' Hussein Dumal[21], li dak in-nhar kien qed jahdem fir-restaurant fejn mar jiekol il-*parte civile*, stante li dan ix-xhud ammetta li hu kien tkellem mal-*parte civile* fuq l-incident qabel tela' jixhed.

Dwar id-dinamika tal-incident, ix-xhud Marco Sammut jiftakar biss li ra lill-imputat sejjer ikellem li xi hadd li kien qed jiekol fuq mejda, u f'daqqa wahda qam argument, u ra lil dak li kien qieghed fuq il-mejda jqum u jgholli l-mejda u qabdu jiggieldu mal-art. Skont dan ix-xhud huma kienu qed jaghtu bil-ponn u jiggieldu bl-idejn – pero ma setghax jiftakar kemm damet il-glieda u jghid li wara li spiccat il-glieda, ghalkemm avvicina lill-imputat, ma rax wicc il-*parte civile*.[22]

Fin-nuqqas ta' xhieda okulari ohra, din il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni ix-xhieda tal-imputat biss dwar id-dinamika tal-incident, li minn kif iddiskrevih l-imputat kien wiehed pjuttost vjolenti u fit-tul. L-espert Dottor Mario Scerri xehed li l-widna tal-*parte civile* inqatghet b'xi haga li *"jekk mhix biting act, hija xi haga li ... ... qabditlu l-widna minn quddiem u minn wara."* Mill-istqarrijiet dettaljati tal-imputat ma jirrizulta li kien hemm xejn li f'xi stadju qabdet, jew setghet qabdet, il-widna tal-*parte civile* minn quddiem u minn wara. Fil-post fejn sehhet il-glieda kien hemm biss siggijiet u mwejjed, ovvjament, ghax kien restaurant fuq barra. Mir-rapport ta' Dottor Mario Scerri jirrizulta li l-parti tal-widna nieqsa hija concave 'l gewwa.

---

[20] Ara fol. 43 tal-process.
[21] Ara xhieda ta' Hussein Dumal a fol. 104 *et seq.* tal-process.
[2222] Ara xhieda ta' Marco Sammut a fol. 158 *et seq.* tal-process.

Fid-dawl tad-dinamika tal-incident kif deskritt mill-imputat stess, tal-fatt li ma hemmx dubbju li l-widna tal-*parte civile* giet nieqsa waqt li hu u l-imputat qed jissaraw, mill-provi ma jirrizulta li kien hemm l-ebda oggett li seta' qabad il-widna tal-*parte civile* minn quddiem u minn wara u qaccatielu, u tal-fatt li kif jammetti l-imputat stess wiccu u hwejjgu kienu mimlijin demm, din il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-lezjoni li sofra l-*parte civile* f'widnejh kienet konsegwenza tal-fatt, li fil-lotta bejniethom, l-imputat gidem il-widna tal-*parte civile*.

Id-difiza qed tistrieh fuq il-verbal li sar fil-proceduri l-ohra kontra l-*parte civile*, fejn dan iddikjara *"illi wara li ha konjizzjoni ulterjuri tad-dinamika ta' l-incident mertu tal-provi bejnu u Joseph John Grech illum jemmen illi l-percezzjoni tieghu ta' kif sehh dan l-incident ma tikkombaccax kompletament mal-mod kif xehed dwar dawn il-fatti quddiem il-Magistrat Dr Lawrence Quintano."* Ix-xhieda tal-*parte civile* f'dawn il-proceduri kienet elaborata hafna, u ghamel hafna allegazzjonijiet li jew gew kontradetti minn provi ohra, jew li ma rrizultawx waqt dawn il-proceduri. Kienet ghal din ir-raguni li din il-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri. Pero b'dan il-verbal, il-*parte civile* bl-ebda mod ma rtira l-allegazzjoni tieghu li waqt il-glieda l-imputat gidimlu widnejh – li hi l-iktar kwistjoni krucjali f'dawn il-proceduri, u allura kieku l-*parte civile* ried jirtira din l-allegazzjoni partikolari tieghu, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li huwa kien jaghmel dan b'mod specifiku, u mhux sempliciment jghid li x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri *"ma tikkombaccax kompletament"* mal-mod li issa jemmen li sehh dan l-incident. Ghalkemm anke din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-versjoni tal-*parte civile* f'dawn il-proceduri ta' kif sehh dan l-incident ma hix komfortata mill-provi fit-totalita taghha, pero l-fatt li l-parti mill-widna tieghu giet nieqsa waqt dan l-incident, hu stat ta' fatt, u din il-Qorti ma tarax kif tista' tinterpreta dan il-verbal fis-sens li l-*parte civile* kien qed jirtira l-allegazzjoni tieghu li l-parti mill-widna tieghu kien giet nieqsa ghax gidimielu l-imputat.

Fit-trattazzjoni orali, id-difiza talbet lil din il-Qorti biex f'kaz li tasel ghal konvinciment morali li l-widna tal-*parte civile* giet feruta konsegwenza ta' gidma tal-imputat, tikkunsidra t-tieni linja difensjonali taghha u tara jekk din il-gidma saritx f'mument meta s-surgent Grech kien qieghed jagixxi fil-paramentri tal-legittima difeza tieghu innifsu, f'dan il-kaz partikolari.

Dwar din is-sottomissjoni tal-legittima difeza, din il-Qorti tibda biex tghid li din il-glieda inqalghet ghaliex numru ta' sieghat qabel – pero mill-provi ma jirrizultax fi x'hin – il-mara tal-imputat cemplet lill-imputat biex tghidlu li *l-parte civile* kien waqqafha f'Marsascala, u kien qalilha li hu – cioe l-imputat – kellu relazzjoni mal-ex tfajla tieghu. Fl-ewwel stqarrija tieghu, l-imputat jghid hekk: *"Hi cemplitli bil-panic, u qalet li telghet il-Hamrun, bdiet iccempilli tibki u taqta' u jien inzilt Wied il-Ghajn minhabba f'dan kollu, fejn qabel cempiltilha u ghidtilha ninzlu l-Ghassa Zabbar halli naghmlu rapport."*[23] Fit-tieni stqarrija tieghu jghid hekk *"... ... (J)ien dal-ghodu kmieni inzilt ix-Xatt ta' Wied il-Ghajn sabiex infittex lil mara tieghi minhabba li ma stajtx naghmel kuntatt maghha fuq it-telefon. Aktar li meta jien ilmaht lil Al Ghazal quddiem il-hanut tal-kebabs, mort nghidlu sabiex lilu u lill-familja tieghi, ihallina bi kwietna ghaliex m'ghandi x'naqsam xejn ma' dak li qieghed jallega huwa."*[24]

Dawn iz-zewg dikjarazzjonijiet tal-imputat huma konfliggenti. L-ewwel jghid li bil-panic, il-mara qaltlu li qieghda l-Hamrun u hu qalilha biex imorru l-Ghassa ta' Haz-Zabbar biex jaghmlu r-rapport, pero imbaghad jghid li nizel ix-Xatt ta' Wied il-Ghajn ifittex lil mara ghax ma setghax jaghmel kuntatt maghha bit-telefon. L-ewwel mistoqsija, hi jekk hu veru li meta cemplitlu l-mara qaltlu li qieghda l-Hamrun, ghalfejn l-imputat mar ifittixxaha Wied il-Ghajn? L-iktar, l-iktar kellu jmur l-Ghassa ta' Haz-Zabbar fejn hu stess qalilha biex tmur biex jaghmlu rapport. It-tieni mistoqsija, hi jekk ghal grazzja tal-argument biss, l-imputat sar jaf b'xi mod li l-mara regghet marret Wied il-Ghajn, pero ma kienx jaf fejn – kif kliemu jaghti *ad intendere* – huwa verosimili li l-imputat kien bi hsiebu idur Wied il-Ghajn kollu ghal habta tas-siegha ta' fil-ghodu (1.00am) sabiex isibha?

Mill-istqarrijiet guramentati tal-imputat jirizulta li hu pparkja x'imkien vicin hafna tar-restaurant tal-kebabs li fih kien qed jiekol l-*parte civile*. Dan jirrizulta mill-fatt li wara l-ewwel lotta bejniethom, cempel lid-Depot tal-Pulizija minn fuq il-mobile tieghu biex jghidilhom jigu ghax qed jigi aggredit, u hu rega' mar hdejn il-*parte civile* u qallu ma jitlaqx ghax nezlin il-Pulizija, u skond l-imputat *il-parte civile* aggredieh ghat-tieni darba.[25] L-imputat fit-tielet stqarrija jghid li, *"jien mort fil-karozza sabiex ingib il-mobile biex naghmel rapport bih lill-Pulizija. Ezatt kif cempilt lid-depot, jiena ghedtlu ticcaqlaqx minn hawn*

[23] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 40 tal-process.
[24] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 41 tal-process.
[25] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 39 tal-process.

*ghaliex int qieghed taht arrest. Imbaghad huwa rega' aggredieni t-tieni darba."*[26] Il-Qorti ghandha d-dubbji taghha kemm hija ko-incidenza, li l-imputat – li skond hu nizel Wied il-Ghajn ifittex lill-mara li lanqas kien jaf fejn kienet – inzerta ipparkja ezatt hdejn il-hanut tal-kebabs fejn kien qed jiekol il-*parte civile*, li skond l-imputat, kien imqabbad mieghu u kien qed itieh inkwiet fuq ix-xoghol u issa kien qalalu dan l-inkwiet mal-mara.

Huwa rilevanti li fix-xhieda tieghu PC 654 Elton Bondin jghid li meta hu mar fuq il-post fejn sehhet il-glieda *a tempo vergine* u staqsa lill-imputat x'gara, huwa wiegbu *"li hu kien mar hemm hekk biex jitkellem ma' dan, biex jiccara xi affarijiet fuq li gara ftit qabel meta dan Mr. Zauri* (recte Zouhair) *kien mar japproccja lill-mara tieghu u qalilna li dan Mr. Zauri* (recte Zouhair) *kien hebb ghalih fejn il-kebab house".*[27] Pero, fl-istqarrija tieghu, li sussegwentement ikkonferma bil-gurament quddiem din il-Qorti, l-imputat biddel il-verzjoni tieghu u xehed li hu nizel Wied il-Ghajn ifittex lill-mara.

Pero, independentement jekk din kinietx ko-incidenza jew le li l-imputat ipparkja l-vettura tieghu tant vicin fejn kien qed jiekol il-*parte civile*, l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali jistabbilixi il-parametri ghall-applikazzjoni tal-iskriminanti tal-legittima difeza u jippreskrivi hekk: *"Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro**, deciza fis-26 ta' Awwissu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[28] irriteniet hekk:

*"Mhux kull min "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali" tad-difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element tal-inevitabilita jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia glied li jara gej, meta dan ikun jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku. Mill-kumpless tal-*

[26] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 43 tal-process.
[27] Ara xhieda ta PC 654 Elton Bondin a fol. 151 tal-process.
[28] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*provi jidher car li l-appellant, meta kellu l-opportunita li jwarrab bil-kwiet u jevita l-konfront, ghazel li jmur hu jisteden il-glied ... ...*

*Kif inghad, din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant, meta kellu l-opportunita li jevita l-inkwiet b'mod ragonevoli, minflok mar hu stess jisfida lil Vella Muscat ghall-glied. Jekk ivvibrax hu jew Vella Muscat l-ewwel daqqa hu fatt ta' importanza marginali. Kif tajjeb intqal minn Lord Justice Widgelyy fil-kawza R. vs. Julien (1963) 1 WLR 839: "It is not ... ... the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. McHale, but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is preared to temporise and disengage and perhaps make some physical withdrawl, and that is necessary as a feature of the justification of self-defence is true, in our opinion whether the charge is a homicide charge of something less serious." (fol. 843).*

*Din il-Qorti hi tal-fehma li din hi wkoll il-posizzjoni taht il-ligi taghna. ... ..."* (sottolinear ta' dik il-Qorti.

Il-**Prof. Anthony Mamo** fil-ktieb tieghu **Lectures on Criminal Law** jghid hekk dwar l-elementi tal-legittima difiza: *"The evil threatened must be: (1) unjust; (2) grave; (3) inevitable".*[29] Dwar l-element tal-inevitabilita, huwa jkompli jghid hekk: *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words, the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievious injury or to inflict it."*[30]

Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Melchior Spiteri**, deciza fit-28 ta' Frar 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk f'kaz li ghandu somiljanzi mal-kaz odjern u li fih cahdet l-iskriminanti tal-legittima difeza: *"Fil-kaz in ezami jirrizulta illi kien hemm sensiela ta' incidenti li, skond l-appellant, gabuh f'sitwazzjoni fejn kellu jiddeciedi li jew inehhi l-hajja ta' Jason Azzopardi jew ihalli lil Jason Azzopardi jnehhilu hajtu. Din il-Qorti tifhem li l-appellant seta' kien imwegga' u rrabjat b'dak illi Jason Azzopardi kien ghamel lil ommu*

[29] Ara **Lectures on Criminal Law** (Part 1) fol. 103.
[30] Ara **Lectures on Criminal Law** (Part 1) fol. 104.

*(tella' self ta' Lm90 ghal Lm1,500, taha daqqa ta' harta), seta' kien imbezza' mit-theddid li jghid li kien ircieva, seta' anke kien irrabjat ghal Jason Azzopardi li kien aggredieh ftit granet qabel il-qtil. Probabbilment l-appellant hass sens ta' frustrazzjoni kbira ghall-fatt li Jason Azzopardi kien maghruf bhala bniedem krudili, vjolenti u temibbli, kif gie accettat anke mill-prosekuzzjoni, u f'ghajnejh il-gustizzja ma kinitx lehqet jew tlehhaq mieghu. Ciononostante, ic-cirkostanzi li fihom sehh il-qtil ta' Jason Azzopardi ma jirrispekkjawx iccirkostanzi, jew ahjar, il-kondizzjonijiet li l-ligi u l-gurisprudenza taghna jridu li jezistu biex tkun tista' tirnexxi d-difiza tal-legittima difiza. Ic-cirkostanzi f'dan il-kaz juru li meta sehh il-qtil ta' Jason Azzopardi, dan Jason Azzopardi ma kien qieghed jaghmel l-ebda aggressjoni lill-appellant. F'dak il-mument ma kien hemm l-ebda minaccja attwali, kif l-anqas il-bidu ta' minaccja, ghall-inkolumita` ta' l-appellant jew ta' haddiehor."*

Fil-kaz odjern, jirrizulta car mill-provi, li kien l-imputat li mar jistieden l-inkwiet meta mar fuq *il-parte civile*, li kien qed jiekol bi kwietu quddiem il-hanut tal-*kebabs*. Ix-xhud Marco Sammut xehed hekk: *"Jien kont Wied il-Ghajn, kont sejjer nixtri kebab mit-take away u niftakar rajt lil Jovan* (l-isem li bih l-imputat hu maghruf) *ghaddej minn quddiemi hekk. ... ... (N)iftakar rajtu sejjer ikellem lil xi hadd kien qieghed fuq mejda jiekol u f'daqqa wahda qam argument. Rajt lil dak li kien qieghed fuq il-mejda jqum u jgholli l-mejda u qabdu jiggieldu hux."*[31]

Fl-ewwel stqarrija, l-imputat stess jghid hekk: *"Iltqajt ma' Al Ghazal f'Wied il-Ghajn kien qed jiekol fejn il-bandli u mort inkellmu, ghidtlu "jien m'inhix sejjer ma' mara wara Gharbi ghax jien m'hinix zibel. Lili u l-familja tieghi hallina kwieti". Gholla l-mejda ghal fuqi, pruvajt nilqaghha u gejna fl-idejn."*[32] Fit-tieni stqarrija tieghu, l-imputat zied jghid hekk: *"Jien nixtieq inzid xi punti li m'humiex daqstant cari. Per ezempju, li jien dal-ghodu kmieni, inzilt ix-Xatt ta' Wied il-Ghajn sabiex infittex lil mara tieghi minhabba li ma stajtx naghmel kuntatt maghha fuq it-telefon. Aktar li meta ilmaht lil Al Ghazal jiekol quddiem il-hanut tal-kebabs, mort nghidlu sabiex lili u lill-familja tieghi, ihallina bi kwietna ghaliex jien m'ghandi x'naqsam xejn ma' dak li kien qieghed jallega huwa."*

Minn din ix-xhieda, hu ovvju fl-ahjar ipotezi ghall-imputat, hu lemah lill-*parte civile* jiekol fuq mejda Wied il-Ghajn b'kumbinazzjoni. Mill-kumpless tal-provi, m'hemmx dubbju li l-

[31] Ara xhieda ta' Marco Sammut a fol. 159 tal-process.
[32] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 39 tal-process.

imputat kien jaf li ghall-inqas kien hemm allegazzjonijiet li *l-parte civile* kien bniedem aggressiv, u skond l-istess imputat kien ossessjonat kontrih u kien halef li jrid ikissru, tant li kien ghamillu diversi rapporti dwar ix-xoghol tieghu, u ftit sieghat qabel kien kellem lil mara tieghu biex igellidha mieghu. Il-Qorti tifhem li l-imputat seta' kien frustat ghal mod ta' kif hu jghid li l-*parte civile* qabad mieghu ingustament, li kien qed jipprova jisfrattalu l-familja u li kien anke qed jibza' minnu. Madanakollu, l-imputat ghazel li flok jaghmel rapport lill-Pulizija dwar dak li l-imputat allegatament qal lil martu, hu jmur jaffrontah, f'hin li fih l-*parte civile* ma kien ta' l-ebda theddida ghall-imputat. L-imputat qallu il-kliem *"jien m'inhix sejjer ma' mara wara Gharbi ghax jien m'hinix zibel."* B'dan il-kliem, l-imputat kien qed jistieden il-glied, ghax kien ovvju, li b'dan il-kliem ried jipprovoka lill-*parte civile.*

Inoltre, meta l-imputat irnexxielu jinhall minn mal-*parte civile* u mar fil-vettura tieghu u cempel lill-Pulizija minn fuq il-mobile, hu ma kienx kuntent li joqghod jistenna lill-Pulizija hdejn il-vettura tieghu, imma rega' mar hdejn il-*parte civile* u qallu biex ma jiccaqlaqx ghax kien taht arrest u li kienu gejjin il-Pulizija. F'dan il-mument, l-imputat kien qed jipprova jezercita s-sahha tieghu bhala ufficjal tal-Pulizija, kontra l-*parte civile*, u apparti l-principju li *nemo judex in causa propria,* l-imputat seta' jipprevedi li l-kliem tieghu se jergghu jipprovokaw lill-*parte civile,* u fil-fatt dan, dejjem skond l-imputat, aggredieh ghat-tieni darba.

*Dato ma non concesso,* li l-imputat f'xi wahda minn dawn iz-zewg aggressjonijiet, probabbilment skond l-istqarrija tieghu, fit-tieni wahda ghax kienet aktar aggressiva, biex ma jkomplix jaqla' u biex il-*parte civile* ma tifgahx, meta sab ruhu tahtu, l-aktar haga facli ghalih kienet li jigdem il-widna tal-*parte civile*, peress li l-glieda kollha giet ipprecipitata mill-istess imputat, meta dan seta' ragonevolment evita dik il-glieda, din id-difiza li hu spicca li kellu jaghmel, ma kellhix l-elementi kollha mehtiega mill-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali, u b'mod partikolari kien nieqes l-element "tal-bzonn" kif imfisser fis-sentenza fuq citata.

Subordinatament, fit-trattazzjoni orali, id-difiza is-sottomettiet, li jekk din il-Qorti ma taccettax l-iskriminanti tal-legittima difeza, allura hija ghandha tikkunsidra l-iskuzanti tal-passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, li konsegwenza taghha persuna m'hiex qieghda tirrifletti – taht l-Artikolu 230(b) tal-Kodici Kriminali b'riferenza ghall-Artikolu 227(c) tal-istess Kodici. L-Artikolu 230 jippreskrivi li *"L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli - ... ... (b) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(ċ); ...*

*... " A sua volta*, l-Artikolu 227(c) jippreskrivi li *"L-omiċidju volontarju hu skużabbli - ... ... ċ) meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha;*
*sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm, u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt."*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat jirreferi ghal diversi provokazzjonijiet li allegatament sofra l-imputat minghand il-*parte civile* ghaliex wettaq d-doveri tieghu ta' Pulizija, u li meta *l-parte civile* ra li ma wasalx, *il-parte civile* indirizza l-isforzi tieghu lejn il-mara tal-imputat billi qalilha li zewgha kellu relazzjoni ma' tfajla ohra, u pprovoka disgwid bejn l-imputat u martu. Mill-provi ma jirrizultax kemm ghadda hin, bejn meta l-mara tal-imputat cemplet lill-imputat biex tghidlu x'kien qalilha il-*parte civile* u x'hin l-imputat lemah lil *parte civile* jiekol Wied il-Ghajn, pero zgur li kienu ghaddew numru ta' sieghat, ghax l-imputat stess li dam jitkellem mal-mara ghax din bdiet taqtalu t-telefon, u qal ukoll li hu ma kienx Wied il-Ghajn, imma nizel Wied il-Ghajn ifittex lill-mara.

Fuq l-iskriminanti tal-provokazzjoni, il-**Prof. Mamo** jghid hekk: *"Also the excuse of provocation is generally excluded if it was the defendant who first gave provocation. In the Criminal Appeal "The Police vs S. Lia", 3.3.1948, the Court said:*
*"The excuse of provocation is excluded by the fact that it was the defendant who, together with his brother first went up to N.N. and in this way began the fight; it is thus the case which English Jurists indicate by the words 'provocation provoked by the provoker' ... ..."*
*And also under the Italian Code of 1889, it was decided: "non poter invocare questa scusa (della provocazione) chi sia stato primo a offendere o a percuotere." (v. Maino, op. cit., 144, art. 51 para 238).*[33]

Fl-istess sens hija s-sentenza **Il-Pulizija vs. Philip Muscat**, deciza fit-12 ta' Marzu 1963, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[34] irriteniet illi l-iskuzanti tal-provokazzjoni ma

[33] Ara **Notes on Criminal Law** fol. 242.

tistghax tinghata sempliciment ghax l-imputat, fil-waqt tad-delitt kien agitat; imma jehtieg li din l-agitazzjoni tkun giet prodotta minn cirkustanzi tali li jintitolawha ghall-indulgenza tal-ligi. U ghalhekk il-ligi taghna, fil-waqt li minn naha wahda tammetti l-provokazzjoni minn naha l-ohra tirrikonoxxi illi din il-minoranti ghandha tkun limitata b'mod li ma ghandhiex tmur kontra l-principju li wiehed ghandu l-obligu li jikkontrolla l-passjonijiet tieghu. Fost ir-restrizzjonijiet tal-iskuzanti tal-provokazzjoni hemm anki dik illi min qed jitlob dan il-beneficcju ma jkunx hu stess il-provokatur; u ghalhekk min f'kollutazzjoni jikkaguna feriti lil hadd iehor ma jisghax jitlob l-iskuzanti tal-passjoni, ma jistghax jinvoka l-"calor rixae", jekk il-kolluttazzjoni pprovokaha hu stess.

Kif diga intqal, l-istess fil-kaz odjern, kien l-imputat li mar fuq il-*parte civile* waqt li dan kien qed jiekol fil-kwiet u qallu kliem provokattiv li irrizulta fil-glieda li sussegwiet. Ghalhekk l-istess ragunijiet li jeskludu l-iskriminanti tal-legittima difeza jikkonkorru biex jeskludu wkoll l-iskriminanti tal-provokazzjoni.

Inoltre mill-provi kif jirrizultaw fl-atti, din il-Qorti hija sodisfatta li l-provokazzjonijiet kollha, inkluz l-ahhar wahda – u cioe meta l-*parte civile* kellem lill-mara tal-imputat – sehhew bizzejjed qabel il-glieda, b'mod li japplika l-Artikolu 235 tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi li *"Ma jiswewx lill-ħati l-provokazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li tagħha jinġiebu bħala skuża."* Kif jghid il-**Prof. Mamo**, *"In other words it is essential that the wounding, etc., should have been inflicted immediately upon the provocation being given; for if there is sufficient cooling time for the passion to subside and reason to interpose and gain dominion over the mind, and the person so provoked afterwards kills the other, this is deliberate revenge, and not heat of blood."*[35]

Fil-kaz odjern, din il-Qorti hija sodisfatta li kien ghadda bizzejjed hin bejn meta l-mara tal-imputat cemplitlu u meta hu lemah lill-*parte civile* Wied il-Ghajn sabiex l-imputat ikun ikkalma u sabiex ihalli r-raguni terga' tipprevali. Fil-verita, l-imputat uza r-raguni tieghu mill-ewwel, anke dak il-hin stess li cemplitlu martu, billi hu qalilha biex imorru jaghmlu rapport l-ghassa taz-Zejtun, kif kellu jsir. *Ex admissis,* l-imputat ma nizilx Wied il-Ghajn biex ifittex lill-*parte civile*, imma biex ifittex lil martu. Huwa lemah lill-*parte civile* biss b'kumbinazzjoni. L-imputat kellu l-opportunita iqis sew dak li kellu jaghmel, ossia dak li

[34] *Per* Imhallef William Harding.
[35] Ara **Notes on Criminal Law** fol. 242.

missu ghamel, specjalment meta wiehed iqis li l-imputat kien surgent tal-Pulizija fiz-zmien rilevanti, u minflok imur jikkonfronta u jipprovoka *l-parte civile*, u minflok jimxi bil-mezzi kollha legali disponibbli. Konsegwentement, l-iskriminanti tal-provokazzjoni certament ma tistghax tigi nvokata mill-imputat, li mhux talli ma evitax l-okkazjoni, imma holoqha hu stess u fittixha.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ser issib lill-imputat hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

*L-Imputazzjoni taht l-Artikolu 249(2) tal-Kodici Kriminali*

L-Artikolu 249 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:
*"(1) Kull min bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tiegħu nnifsu jew b'isem maħluq, jhedded lil ħaddieħor b'xi delitt, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur: … …*

*(2) Kemm-il darba flimkien mat-theddid, ukoll fil-każ ta' theddid bil-fomm, ikun hemm ordni jew kondizzjoni, l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) biż-żieda tal-multa."*

Il-Prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda tentattiv biex tipprova tispjega lil din il-Qorti kif dan ir-reat taht l-Artikolu 249(2) gie materjalizzat fil-glieda li sehhet fis-17 ta' Settembru 2004 bejn l-imputat u l-*parte civile*. Certament li dan ir-reat ma jirrizultax pruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, u ghalhekk l-imputat se jigi liberat minnu.

*L-Imputazzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali*

L-Artikolu 338(dd) jippreskrivi li: *"Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min - b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;"*

Mill-konsiderazzjonijiet suesposti, din il-kontravvenzjoni giet soddisfacentement pruvata, u ghalhekk l-imputat se jinsab hati taghha.

*L-Imputazzjoni taht l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali*

L-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali jipppreskrivi hekk: *"Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad."*

Mhux kontestat li meta l-imputat ikkommetta r-reati taht l-Artikolu 218(1)(b) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, hu kien surgent tal-Pulizija, u allura kellu l-obbligu li dawn ir-reati ma jsirux u li jimpedixxi li jsiru.

Konsegwentement, l-imputat se jinsab ukoll hati ta' dan l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali.

<u>*Konsiderazzjonijiet dwar Piena*</u>

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat, anke dik aggornata, hija wahda nadifa.

Ghalkemm jista' jkun veru li l-imputat ikkommetta r-reat in kwistjoni, konsegwenza tal-fatt li *l-parte civile* kellu ghalih ghaliex l-imputat ghamel id-dover tieghu ta' surgent tal-Pulizija, dan ma jezonerahx mir-responsabbilita li ma jiehux il-ligi b'idejh, imma kellu jmexxi kontra l-*parte civile* bil-mezzi kollha legali disponibbli. Jekk wiehed jargumenta l-kuntrarju, allura jkun ifisser li ghandha tipprevali l-ligi tal-gungla.

Ir-reat ta' offiża gravi taht l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin. Billi l-imputat instab hati ukoll taht l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, din il-piena ghandha tizdied bi grad, u ghalhekk r-reat huwa punibbli bil-piena ta' prigunerija minn tlettax (13)-il xahar sa tnax (12)-il sena.

Pero tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tkun lejn il-minimu taghha u li piena karcerarja effettiva m'hix idonea fil-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, wara li rat l-Artikoli elenkati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reat kontemplat fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-kwerela giet irtirata mill-*parte civile,*

2. Issib lill-imputat mhux hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 249(2) tal-Kapitolu 9,

3. Wara li rat l-Artikoli 218(1)(b), 141 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-Artikoli, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

   Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

4. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mija u tmienja u hamsin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€158.72) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-

ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**Magistrat**

**Dott. Alan Zerafa LL.D.**
**Deputat Registratur**